MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2012

Numru. 45/2012

Il-Pulizija
(Sp Luke Bonello)
vs
Edouard Tabone, iben Joseph, imwieled Pieta’ fl-4 ta’ Lulju, 1993, karta ta’ l-identita numru305393(M)
u
Brandon Grioli, iben Emanuel, imwieled Pieta’ fl-14 ta’ Mejju, 1993, karta ta’ l-identita numru 237893(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputati talli b’diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, fit-22 ta’ Ottubru, 2011, għal ħabta tal-5.00 a.m. u fis-siegħat, ġranet u xhur ta’ qabel, ġewwa San Ġiljan, ikkomettew serq ikkwalifkat bil-persuna, bil-ħin

u bil-valur li jeċċedi l-€232.94 għad-dannu ta' Jonathan Grima.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Mejju, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputati serqu l-ammont ta' €120 u li dawn ġew mogħtija lura.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Ġunju, 2012 fejn l-imputati ammettew l-akkuża miġjuba kontra tagħhom ħlief għall-aggravju tal-valur.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħhom ħlief għall-aggravju tal-valur, u minn tali aggravju qed jiġu liberati. Rat l-artikoli 261(d)(f), 268(ċ), 270 u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali netta u l-eta' ta' l-imputati. Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------